

REGOLAMENT (UE) 2023/1679 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW
tal-25 ta' Awwissu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/378 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi
minimi (BĊE/2021/1)
(BĊE/2023/21)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artiklu 19(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-fondi ta' riżerva minimi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li huma meħtieġa taħt ir-Regolament (UE) 2021/378 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2021/1), ⁽²⁾ u r-riżervi miżmuma fil-faċilità ta' depożitu, huma attwalment remunerati bir-rata tal-faċilità ta' depożitu tal-Eurosistema (DFR). Fil-kundizzjonijiet attwali ta' likwidità abbondanti, l-imgħax imħallas fuq ir-riżervi li l-banek iżommu fil-faċilità ta' depożitu huwa l-istrument ewlieni biex jidderieġi r-rati tas-suq monetarju għal żmien qasir f'konformità mal-pożizzjoni mixtieqa tal-politika monetarja.
- (2) Fis-27 ta' Lulju 2023, il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iddeċieda li jstabbilixxi r-remunerazzjoni tar-riżervi minimi għal 0 %. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv li jnaqqas ir-remunerazzjoni fuq ir-riżervi minimi tiżgura l-effettività kontinwa tal-politika monetarja billi tippreserva l-funzjoni ta' ankraġġ tad-DFR għar-rati tas-suq monetarju u b'hekk iżżomm il-grad attwali ta' kontroll fuq il-pożizzjoni tal-politika monetarja. Fl-istess ħin, id-deċiżjoni ttejjeb l-effiċjenza tal-politika monetarja fil-kuntest ekonomiku kurrenti billi tnaqqas l-ammont globali tal-imgħax li jeħtieġ li jitħallas fuq ir-riżervi sabiex tiġi implimentata l-pożizzjoni xierqa tal-politika monetarja. Din il-kunsiderazzjoni ta' effiċjenza saret aktar u aktar rilevanti maż-żidiet fir-rati tal-imgħax ewlenin tal-BĊE.
- (3) Dan ir-Regolament għandu japplika mill-20 ta' Settembru 2023, li huwa l-ewwel jum tas-sitt perijodu ta' żamma fl-2023.
- (4) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2021/378 (BĊE/2021/1) għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

Ir-Regolament (UE) 2021/378 (BĊE/2021/1) huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 2, il-punt (13) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“jum ta' negozju TARGET2” tfisser “jum ta' negozju” jew “jum ta' negozju TARGET” kif definit fl-Artikolu 2(13) tal-Linja Gwida (UE) 2022/912 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/8) ^(*), flimkien mal-punt (13) tal-Anness III ta' dik il-Linja Gwida;

^(*) Linja Gwida (UE) 2022/912 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Frar 2022 dwar il-ġenerazzjoni ġdida tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) u li tħassar il-Linja Gwida (BĊE/2012/27) (BĊE/2022/8) (ĠU L 163, 17.6.2022, p. 84).

⁽¹⁾ ĠU L 318, 27.11.1998, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/378 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' riżervi minimi (BĊE/2021/1) (ĠU L 73, 3.3.2021, p. 1).

2. L-Artikolu 9 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 9

Remunerazzjoni

1. Il-BĊN rilevanti għandu jirrimunera fondi ta' riżervi minimi fil-kontijiet ta' riżerva b' 0 %.
2. Il-BĊN rilevanti għandu jħallas ir-remunerazzjoni fuq il-fondi ta' riżervi minimi fit-tieni jum ta' negozju TARGET wara t-tmiem tal-perijodu ta' żamma li matulu ġiet iggwadanjata r-remunerazzjoni.
3. Fondi inklużi f'fondi ta' riżervi minimi li huma sussegwentement esklużi minn dawk ir-riżervi minimi skont l-Artikolu 3(1)(d) għandhom jiġu remunerati mill-BĊN rilevanti skont ir-regoli applikabbli għal depożiti ta' politika mhux monetarja fil-Linja Gwida (UE) 2019/671 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2019/7) (*), b'effett mid-data li fiha tapplika l-kundizzjoni speċifika tal-Artikolu 3(1)(d), kif determinat mill-BĊN rilevanti.

(*) Linja Gwida (UE) 2019/671 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' April 2019 dwar operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet domestiċi mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊE/2019/7) (ĠU L 113, 29.4.2019, p. 11).”

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ħames jum wara dak tal-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Għandu japplika mill-20 ta' Settembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Awwissu 2023.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE